# IT-TIGRA U L-ĦAMIEMA

Fil-bieb tal-għar moħbi fiz-zokk ta' siġra,
għajnejha żewġ ġamriet ħomor bħad-demm,
dufrejha miftuħin u snienha jqarmċu
bħal ronog ta' l-avorju : it-Tigra .. ar'hemm !

Iż-żehra tagħha tidwi qalb is-siġar
turi ta' qalbha l-qilla u l-ħruxija :
fil-bieb tal-għar moħbi fiz-zokk ta' siġra
donnha ġiet tgħammar hawn Ruħ il-Kefrija.

Fit-tarf ta' fergħa tħammar fiċ-ċirasa
bħal ħafna ħnienaq żgħar tal-filigrana,
tnaqqar kull tant u tbarqam ferriħija
Ħamiema bajda fuq saqajn ħamrana.

16 - 8 - 42. A. Buttigieg

# ĠEWWA L-PRESEPJU

(ĦSIBIJIET)

Oh liema xrara xegħlet
fi qlub il-Maħturin;
ix-Xebba mingħajr ħtija
u Ġużeppi, ż-żewġ Safjin,
kif raw, għall-ewwel darba
imwieled il-Bambin
ġewwa maxtura fqajra,
imħabbra mill-bassara,
minn eluf w eluf ta' snin ! !

***

L-Għajnejn suwed ta' l-Imwieled,
f'nofs ta' lejla, f'dak is-skiet,
raw l-Uċuħ għall-ewwel darba,
ta' fuq l-art l-oħla ħlejqiet :
ta' Ġużeppi, l-bniedem Sewwa,
u tal-Warda tax-xebbiet !

25 - 12 - 41 R. M. B.

# SALVU JSIR MISSIER

Meta f'Ħall Warda twaqqaf il-korp tal-Kunnistabblijiet Speċjali, Salvu Vella kien minn ta' l-ewwel li mar iniżżel ismu biex jingaġġa. Madankollu, lil Salvu kont issibu minn ta' l-ewwel f'kollox: fl-agħjat tat-tombla l-każin tal-banda, bil-bandiera tal-fratellanza ta' San Ġużepp fil-pirċissjoni ta' nhar il-festa, u f'kull ħaġ'oħra li kienet tinbet fir-raħal u li għaliha kienet tkun meħtieġa daqqa ta' id. Għax Salvu, tajjeb li wieħed ikun jaf, kien minn dawk in-nies li dejjem huma lesti biex jagħtu għajnuna, u li kulma jagħmlu jaqduha minn qalbhom.

Hekk ġara wkoll meta Salvu Vella daħal Kunnistabbli Speċjali. Feraħ wisq bl-*S.C.* li kien beda jġib fuq driegħu x-xellugi u bl-elmu ta' l-azzar li kien iġorru miegħu kull fejn imur. Ix-xogħol li kienu jafdawlu f'idejh, imbagħad, kien jaqdih b'reqqa li ma bħalha, la biex juri ruħu u lanqas biex idejjaq lin-nies aktar milli jmissu, imma għax kien iħoss fih li dak li għandu jagħmel għandu jsir kif imiss. Ma ngħidx li xi drabi ma ħtiġlux jieqaf lil xi wħud li kienu jkunu jridu jgħadduh biż-żmien, jew lil min ma kienx joqgħod għal dak li titlob il-liġi; nista' ngħid żgur li dawk il-ftit li telgħu l-Qorti għax ħarrikhom Salvu Vella, kien jistħoqqilhom tassew, u minn quddiem il-Maġistrat ħarġu bil-bwiet eħfef milli kienu daħlu bihom.

Minħabba fil-bżulija ta' Salvu, l-Ispettur ta' Ħall Warda laħħqu Surġent. B'hekk, minbarra l-ittri *S.C.*, fuq driegħu x-xellugi beda jġib tliet penzijiet ukoll.

Din il-ħaġa tat f'għajnejn it-tfal tar-raħal: kull meta kienu jilmħu lil Salvu għaddej mit-toroq, kienu jinħbew wara l-kantunieri u b'ħanġra daqshiex jibdew igħajtu: "Ah Surġent! Warrbulu lis-Surġent!"

Salvu kien jisimgħu dan il-kliem, u għad li kien jagħmel ta' bil ruħu li ma tax kas tat-tfal, ġo fih kien iħoss bħal min qed jinfidlu qalbu b'sikkina. Kien iġarrab dwejjaq kbar għal kliem bħal dan, għax hu kien jaf li qatt ma waġġa' qalb ħadd, anzi kien dejjem lest biex igħin f'kollox lil min ikun bżonnu.

B'daqshekk xejn ma qata' qalbu u lanqas ma tnikker fil-qadi ta' dmiru, għall-kuntrarju xteħet aktar b'ruħu u ġismu għax-xogħol li kien daħal għalih. Beda jqatta' s-sigħat